**30 ta' April, 1993**

**Imhallfin: -**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Il-Pulizija (Spettur Mario Calleja)

*versus*

Carmel Camilleri u Therese *sive* Tessie Agius

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Perizja Teknika – Kawża Kriminali – Imparzjalità – Indipendenza**

*Ordni ta' riferenza mill-Qorti tal-maġistrati f'kawża kriminali minħabba lment li bin-nomina tal-perit tekniku ġie vvjolat id-dritt ta' l-imputat għal smigħ xieraq. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet li ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni; il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali osservat li ma jistax isir lament Kostituzzjonali dwar in-nomina ta' perit tekniku meta dan ma jkunx ġie rikużat. Tali rikuża tintlaqa' f'kawża kriminali meta l-perit tekniku nnominat ikun uffiċjal tal-pulizija, u n-nuqqas li tiġi akkolta dik ir-rekuża tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu. Meta però l-perit tekniku jillimita ruħu biss biex jistabbilixxi u jippreserva l-aspetti materjali u fattwali oġġettivi u ma jagħmel ebda eżerċizzju valutattiv ma jkun hemm xejn oġġezzjonabbli f'dak li jirrigwarda smigħ xieraq. Fil-każ in eżami l-imputat kien naqas li jissostanzja l-allegazzjoni li kien hemm xi ħaġa fin-nomina tal-perit tekniku li kien jikser id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.*

1. Camilleri u Agius ġew akkużati bil-pussess, u spaċċ ta' eroina u drogi u mediċini pprojbiti oħra u l-Maġistrat Inkwerenti nnomina bħala Perit Tekniku lil dottor Anthony Abela Medici;

L-imsemmija imputati ssollevaw kwistjoni kostituzzjonali fis-sens illi *stante* li l-istess Perit Tekniku huwa impjegat statali f'korp iddixxiplinat, bħal ma huwa dak tal-Pulizija, u dan il-fatt jilledi d-dritt tagħhom fundamentali ta' "*fair trial*" garantit mill-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet Umani;

2. In konformità ma' l-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni l-

kwistjoni ġiet riferita lill-Qorti Ċivili Prim'Awla u din ċaħdet l-allegati vjolazzjonijiet b'sentenza tas-6 ta' Awissu, 1992, billi, fost ħwejjeġ oħra qalet:

"Illi tibqa' però in kontestazzjoni l-kwistjoni jekk in-nomina ta' Dr. Anthony Abela Medici tikkostitwixxix vjolazzjoni ta' l-istess artikoli (39(1) tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani) peress li, kif sottomess mill-akkużati fir-rikors tagħhom qabel ma saret ir-riferenza, hu jaqa' "taħt id-Dipartiment tal-Pulizija u fil-fatt huwa membru ta' l-istess u għalhekk ma huwiex xhieda "*ex parte*" u għalhekk mhux ammissibbli";

Illi f'dan ir-rigward irid jiġi l-ewwel eżaminat il-punt jekk Dr. Abela Medici huwiex membru tal-Korp tal-Pulizija u jekk jaqax taħt l-awtorità tad-Dipartiment tal-Pulizija, ħalli l-posizzjoni tiegħu tiġi inkwadrata fiċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami;

Illi dwar dan il-punt wieħed eżawrjentement, aktar minn darba, l-istess Dr. Abela Medici, u *stante* li ma tressqux provi oħra dwar il-materja, il-Qorti sejra toqgħod fuq dawn id-deposizzjonijiet;

Illi rriżulta li Dr. Abela Medici kien ġie impjegat mas-Servizz Ċivili fl-1981 bħala xjenzjat forernsiku anzjan u "kont ġejt inkarigat biex nibni proprju laboratorju forensiku li dak iż-żmien ma kienx jeżisti. Maż-żmien ingħatajt diversi nomenklaturi għax-xogħol li kont qed nagħmel, fosthom prinċipal tal-*Forensic Science Laboratory,* u kien biss is-sena l-oħra li jien ingħatajt *promotion* fis-sens li sirt Direttur ta' l-istess laborotarju. Din il-kariga ma kinitx teżisti, però issa kif għidt, is-sena l-oħra ġiet formalment ikkreata l-kariga ta' Direttur ta' dan

il-Laboratorju'';

Illi fix-xiehda tiegħu Dr. Abela Medici kien ċar biżżejjed dwar il-punti rilevanti u kkonferma li: ''jien m'inhiex Pulizija, lanqas ma jien membru tal-Korp tal-Pulizija. Lanqas naqa' taħt id-dixxiplina tal-membri tal-Korp tal-Pulizija'';

Illi rriżulta wkoll li l-laboratorju li fih huwa jaħdem, jinsab fil-kumpless użat mill-Korp tal-Pulizija u għalhekk il-kontroll materjali tal-post huwa f'idejn il-Kummissarju, li inoltre jpoġġi diversi nies a disposizzjoni ta' l-istess Dr. Abela Medici li hu l-persuna inkarigata mil-laboratorju forensiku, li kif qal, għadu qed jiġi żviluppat;

Illi skond l-istess xiehda ta' Dr. Abela Medici, *nonostante* li huwa d-Direttur tal-laboratorju, ma kienx qed jiġi kkonsultat dwar l-ingaġġ jew it-*transfers* ta' diversi impjegati (uħud membri tal-Korp u oħrajn le) ċertament ma jaġevolahx fix-xogħol tant delikat u importanti bħal dak assenjat lil Direttur ta' laboratorju forensiku;

Illi dan l-istat infeliċi baqa' sejjer, tant li fl-aħħar seduta (li fiha reġa' ġie msejjaħ biex jixhed Dr. Abela Medici) huwa kkonferma li kienu ġew ittrasferiti ċerti mpjegati li kienu inkarigati mill-pulizija u tindif tal-post, u żied jgħid li dan in-nuqqas ta' *staff* kien qed iġib nuqqas fl-indafa rikjesta u dan seta' jeffettwa l-eżattezza u l-effiċjenza ta' l-indaġini delikati affidati lilu; dan il-fatt ġara biss riċentement, u ċertament wara li huwa eżawrixxa l-inkarigu tiegħu fil-każ ''*de quo*'', u għalhekk ma għandux rilevanza diretta għall-proċeduri odjerni;

Illi huwa veru li l-posizzjoni ta' Dr. Abela Medici fix-xogħol

speċjalizzat tiegħu hija pjuttost anomala, però din tista' tiġi spjegata mill-fatt li l-laboratorju forensiku huwa biss fl-istadju formattiv tiegħu, u fis-sistema organizzativ tal-Gvern u tal-pajjiż, għadu ma sabix il-posizzjoni definittiva tiegħu; ix-xhud semma infatti, illi kienu saru tentattivi biex jiġi inkorporat fl-istrutturi Universitari, imma l-posizzjoni tal-laboratorju forensiku tidher li għadha fluwida;

Illi rriżulta wkoll li għalkemm huwa jaħdem f'lokal li huwa taħt il-kontroll tal-Kummissarju tal-Pulizija, Dr. Abela Medici kkonferma li "minn mindu bdejt fl-1981 sal-lum, bid-diversi Kummissarji u anke Kap Kmandat tal-Forzi Armati, jiena nista' nikkonferma bla tlaqliq illi ħadd minnhom qatt ma ndaħalli jew influwenzani b'xi mod, illi jiena nagħmel ix-xogħol tiegħi"; huwa stqarr ukoll li, nonostante l-posizzjoni tiegħu kif spjegata: "jien nikkonferma li mill-mument li jiena nkun ħadt konsenja kif ġà għidt tas-*samples*, jiena inkun responsabbli tagħhom. Il-Kummissarju jew persuni oħra minnu inkarigati jistgħu jidħlu fil-laboratorju, però jiena nikkonferma illi la fl-uffiċċju tiegħi u lanqas fl-"*exhibit room*" tiegħi li jien tkellimt dwarha, ma jista' jidħol ħadd". L-avukat ta' l-akkużati, fil-kontro-eżami, wasslu biex qal li f'każ partikolari l-Awtoritajiet tal-Pulizija kienu daħlu f'dan il-post, imma huwa spjega immedjatament wara li: "però dan sar kollu fil-presenza tiegħi"; dan kollu jindika b'mod elokwenti l-indipendenza tad-Direttur tal-Laboratorju Forensiku mill-Krop tal-Pulizija u forsi jispjega ċertu disgwid fil-mod kif jitmexxa l-imsemmi laboratorju; jidher li Dr. Abela Medici kien iġġustifikat meta xehed li: "meta jiena kont inkun inkargiat mill-Qorti biex nagħmel xi tip ta' xogħol, jiena ċertament ma ħallejt lil ħadd jindaħalli u jien dejjem kont marbut ma' dak li tkun talbitni l-Qorti"; xehed ukoll: "fuq domanda tal-Qorti jien nikkonferma li meta l-Qorti tagħtini nkarigu jien ikun

responsabbli għalih personalment u dan anke dwar xogħol illi jiġi esegwit proprju fl-imsemmi laboratorju'';

Illi għalhekk jidher li Dr. Anthony Abela Medici ma jistax jiġi kkunsidrat bħala membru tal-Korp tal-Pulizija, jew li huwa b'xi mod taħt l-influwenza ta' l-istess Korp; iċ-ċirkostanzi minnu deskritti u l-mod kif ta x-xiehda tiegħu jindikaw li anqas jista' jkun hemm l-impressjoni li r-relazzjoni tiegħu mal-Pulizija hija waħda li tista' ddaħħal fil-moħħ ta' l-akkużati jew ta' terzi xi dubju dwar l-imparzjalità tiegħu fil-kostatazzjonijiet minnu magħmula;

Illi l-Qorti studjat ukoll l-operat ta' l-imsemmi espert fil-każ in kwistjoni; kif ġà ngħad it-termini tan-nomina tiegħu kienu pjuttost vagi. L-artikolu 650 tal-Kodiċi Kriminali jistipula li: *''in all cases where for the examination of any person or thing special knowledge or skill is required, a reference to experts shall be ordered''*; il-Maġistrat fil-każ odjern ikkonstata din is-sitwazzjoni u għadda għan-nomina ta' l-esperti msemmija; skond is-subinċiż 5 ta' l-istess artikolu: *''the Court shall, whenever it is expedient, give to the experts the necessary directions, and allow them a time within which to make their report''*, f'dan il-każ il-Maġistrat ma speċifikax x'kellu jkun dan ix-xogħol, però Dr. Abela Medici ppreżenta r-rapport tiegħu li jinsab a fol. 119 tal-proċess;

Illi mill-istess dokument irriżulta li huwa kien irċeva d-dokumenti relattivi mingħand l-espert l-ieħor li kien eleva l-materjal (u l-posizzjoni tiegħu ġà ġiet eżaminata aktar 'il fuq) u kien analizzahom ''għall-presenza ta' eroina permezz ta' analiżi kimiċi *(Marquis Reagent)* u permess ta' *''thin layer chromatography'' (T.A. system)''*;

Illi għalhekk Dr. Abela Medici ma għamilx ħaġa oħra ħlief ikkonstata fatt, ċjoè jekk dawk is-*samples* li ġabulu għall-analiżi kienx fihom eroina jew le; ma jidhirx li dan ix-xogħol għandu jiġi ekwiparat mal-"paragun xjentifiku ta' impronti diġitali u opinjoni dwarhom" kif imsemmi fis-sentenza ċċitata ta' Lonġinu Aquilina; huwa biss poġġa quddiem il-Qorti fatt (anke jekk dwar suġġett speċjalizzat) li dwaru fil-kawża setgħu jitressqu l-provi kollha ammissibbli; ma kienx mitlub u hu anqas ta xi opinjoni, imma ta **riżultat** naxxenti mir-riżultanzi proċesswali u mill-konstatazzjonijiet materjali tagħhom;

Illi konsegwenza ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, jingħad li l-inkarigu mogħti lil Dr. Abela Medici ma jistax jiġi kkunsidrat bħal dak mogħti lill-esperti nnominati mill-Qrati biex jesprimu l-opinjonijiet tagħhom għall-konsiderazzjoni ta' l-istess Qrati;

Illi ma jistax ma jiġix osservat kif irrilevat fis-sentenza msemmija ta' Nicholas Ellul li dawn l-oġġezzjonijiet ġew oriġinarjament issollevati bħala konsegwenza ta' "*obiter*" fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Diċembru, 1990, fil-kawża fl-ismijiet "Joseph Abela *vs* l-Onor. Prim Ministru *et*"; f'dak il-każ ir-rikorrent kien oġġezzjona għan-nomina ta' l-espert tat-traffiku Dr. Micallef Stafrace li kien, wara nomina fl-inkjesta maġisterjali ppreżenta rapport fejn sab kontra l-istess rikorrent; dan kien każ fejn l-espert kien esprima ruħu b'mod inekwivoku li r-rikorrent kellu tort; malajr tifhem li l-istess rikorrent kien ħassu ppreġudikat billi l-istess persuna li kienet ġabret u eżaminat il-provi relattivi, kienet issa ser terġa' tintalab tagħti opinjoni dwar l-istess każ; minn oġġezzjoni kważi evidenti ta' l-istess espert tat-traffiku, għaddejjin għat-teħid u paragun ta' impronti diġitali u issa anke għar-ritratti u għall-analiżi ta' materjal ipprelevat; dan juri kif l-interpretazzjoni tal-

Qrati dwar punt hemm importanti, imxiet f'perijodu hekk qasir, u din il-Qorti ma tistax ma tikkondividix u tagħmel tagħha dak li ntqal fl-imsemmija sentenza ta' Nicholas Ellul, ċjoè li: "il-Qorti tifhem li ma tistax u ma għandhiex tinfatam mir-realtajiet tas-soċjetà, li fiha topera, u li għalhekk irid jinħoloq bilanċ ġust bejn l-interess suprem tal-Ġustizzja u l-interess tas-Soċjetà li tipproteġi ruħha kontra reati ta' ċerta gravità";

Illi inoltre, l-istess Dr. Abela Medici, anke fid-dawl tal-kariga professjonali tiegħu, ma għandux jiġi kkunsidrat bħala membru tal-Korp tal-Pulizija u lanqas hu b'xi mod dipendenti jew subaltern għall-Kummissarju tal-Pulizija li hu parti u hu responsabbli għat-tmexxija tal-prosekuzzjoni fil-proċess kriminali;

Illi r-risposta u n-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija, irrelevaw li n-nomini ta' l-imsemmija esperti saru fl-14 ta' Mejju, fl-20 ta' Awissu u fil-5 ta' Settembru, 1990, u għalkemm inżammu diversi udjenzi sussegwentement, l-imputati ma ressqu ebda oġġezzjoni għall-istess nomini, anqas meta l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex provi aktar. Kien biss fir-rikors intavolat fil-21 ta' Mejju, 1991, li din il-kwistjoni kostituzzjonali ġiet issollevata l-ewwel darba. Għalhekk tali oġġezzjoni f'kull każ ma kinitx sollevabbli fl-istadju li fih ingħatat. Id-difensur ta' l-akkużati fit-trattazzjoni orali ssottometta li l-oġġezzjoni kienet ġiet issollevata f'dak l-istadju avvanzat tal-proċeduri, peress li fl-intervall kienet ingħatat sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali dwar il-materja involuta;

Illi din il-Qorti tifhem li l-fatt li tkun ingħatat xi sentenza minn xi Qorti tagħna, ma jbiddilx il-posizzjoni legali, anke peress li ebda Qorti ma hi marbuta b'deċiżjoni li tkun ingħatat minn

xi Qorti oħra; anqas jidher li fil-mori tal-kawża kien hemm xi kambjament fil-liġi *"per se"*;

Illi *in vista* tal-konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet espressi f'din is-sentenza, il-Qorti mhix ser tidħol fil-fond fuq it-tempestività o meno ta' din l-oġġezzjoni u fiċ-ċirkostanzi sejra tastjeni milli tieħu aktar konjizzjoni tagħha;

Illi fit-trattazzjoni orali ta' l-abbli difensur tal-Kummissarju tal-Pulizija huwa għamel ukoll riferenza għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjonu u l-*proviso* tiegħu u ssottometta li din il-Qorti ma kellhiex tikkonsidra dan il-każ peress li Camilleri u Agius kellhom rimedji oħra biex jipprovaw jilħqu l-istess skop, u senjatament peress li setgħu jitolbu r-rikuża ta' l-esperti, azzjoni li huma naqsu li jittentaw; dwar dan il-punt il-Qorti tagħmel mill-ġdid riferenza għas-sentenza fir-rikors ta' Nicholas Ellul u tifhem li r-rimedju tar-revoka tan-nomina ta' l-esperti a bażi tal-Kodiċi Kriminali u tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili ma setax anqas jiġi tentat b'suċċess mill-akkużati odjerni, u għalhekk il-Qorti ma tarax li għandha tapplika l-fakoltajiet lilha mogħtija mill-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni";

3. L-istess imputati appellaw, prinċipalment għaliex l-oġġezzjoni tagħhom hija fis-sens li dottor Abela Medici huwa marbut wisq mal-Korp tal-Pulizija u għalhekk ma jista' jidher qatt li huwa indipendenti mill-istess Korp. Ir-rikors ta' appell sostanzjalment jelabora fit-tul fuq din it-tema ċentrali;

4. Għandu l-ewwelnett jiġi nnutat u enfasizzat illi l-kwistjoni ċentrali tirrigwarda mhux l-imparzjalità u l-indipendenza tal-ġudikant f'xi qorti jew tribunal – li huma l-valur essenzjali għal kull proċess immirat għall-attwazzjoni jew

implimentazzjoni tal-ġustizzja. Hawnhekk is-suġġett tal-lament ta' l-imputati jirrigwarda dik il-kwalità ta' prova ta' natura teknika li tkun meħtieġa f'xi proċess ġudizzjarju, li **fis-sistema ta' l-ordinament tagħna**, tista' ssir biss permezz ta' persuna, ikkwalifikata bħala espert fil-materja teknika, li tiġi nnominata mill-Qorti stess, kull meta dik il-prova tkun meħtieġa minn xi waħda mill-partijiet u ammessa mill-Qorti, jew anki mill-Qorti stess, meta dan tippermettih il-liġi. B'hekk, fis-sistema tagħna, din il-kwalità ta' prova tersaq kemm huwa possibbli, lejn din l-indipendenza u ekwidistanza minn u mill-partijiet in kawża sabiex ikollha valur probatorju aktar minn prova oħra ta' l-istess natura, li tista' tiġi prodotta *"ex parte"*;

Għandu jiġi apprezzat illi s-sistemi fejn il-prova teknika ssir permezz ta' esperti prodotti bħala xhieda kemm minn parti u kemm minn oħra, huma ħafna aktar numerużi u diffużi, mhux biss madwar id-dinja imma anki u senjatament fl-Ewropa u għalhekk is-sistema tagħna, mingħajr kompjaċenza żejda, nistgħu nikkonsidrawha bħala waħda minn dawk il-posizzjonijiet aktar avvanzati li jmorru oltre dawk id-drittijiet fundamentali, speċjalment fid-dritt proċedurali penali, li hemm stabbiliti fil-Konvenzjoni li l-artikolu 6(3) jiddiskrivihom bħala *"minimum rights"*;

Għalhekk l-istitut tagħna rigward il-produzzjoni tal-prova teknika ħaqqu li jiġi mħares u prudenzjalment ikkoltivat u minn din l-ottika għandhom jiġu eżaminati u intiżi s-sentenzi ta' din il-Qorti u tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla – bħala dawk li hemm riferenza għalihom kemm fis-sentenza appellata kif ukoll fl-atti ppreżentati mill-partijiet speċjalment is-sentenzi ta' din il-Qorti:

(a) 7-12-1990 – J. Abela *vs* Prim Ministru *et;*

(b) 22-5-1991 – N. Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija (Vol. LXXV.I.240);

(ċ) 23-1-1992 – Il-Pulizija *vs* Lonġinu Aquilina;

5. Wara din l-introduzzjoni ġenerali tajjeb illi, fil-qosor, jiġi rripetut dak li hemm f'dawn it-tliet sentenzi;

(a) Abela *vs* Prim Ministru stabbiliet illi billi skond il-liġi ordinarja, il-persuna nnominata bħala perit tekniku, tista' tiġi rikużata, l-akkużat, meta dan ma jagħmlux fil-mument opportun, ma jistax wara li l-proċeduri jkun inoltrati, jillamenta minn dak in-nomina għal raġunijiet li kien jaf jew seta' jaf bihom, meta tkun saret dik in-nomina;

(b) Ellul *vs* Kummissarju tal-Pulizija, tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla li f'dak il-każ irriteniet li r-rikuża ta' l-uffiċjali ta' Pulizija bħala periti tekniċi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex probabbiltà li tirnexxi u allura, dik il-Qorti setgħet tikkonsidra l-lament ta' l-akkużat u billi dawk il-persuni huma **dipendenti,** għaliex impjegati, ta' waħda mill-partijiet in kawża (il-Kummissarju tal-Pulizija) dik in-nomina ma tikkonduċix għal smigħ xieraq u għalhekk m'għandhiex issir. Din il-Qorti kkonfermat;

(ċ) Fil-"Il-Pulizija *vs* Aquilina, ġie stabbilit illi, sakemm il-perit tekniku nnominat mill-Qorti, jillimita ruħu li jistabbilixxi u jippreserva biss l-aspetti materjali u fattwali oġġettivi u ma jagħmel ebda eżerċizzju valutattiv, dik in-nomina hija konformi mal-prinċipji ta' smigħ xieraq – li kif intqal tmur oltre d-drittijiet fundamentali minimi li hemm fil-Konvenzjoni Ewropeja – billi naturalment, fuq il-Kostituzzjoni tagħna – *si va sans dire";*

F'din is-sentenza wkoll, ġew imsemmija xi deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, u ġiet innotata d-differenza ta' perspettiva ta' dik il-Qorti u dik tas-sistema tagħna, rigward il-perit tekniku jew espert, fil-proċeduri ġudizzjarji, speċjalment dawk kriminali u/jew dixxiplinari, u dan għaliex fil-maġġoranza ta' l-Ordinamenti Ġudizzjarji tal-pajjiżi Ewropej, membri tal-Kunsill ta' l-Ewropa, il-kriterju ta' **trattazzjoni ġusta**, riferibbilment għall-kwistjoni tal-persuna esperta ammessa bħala xhud, qatt ma tiġi eżaminata **qabel** ma tispiċċa l-proċedura – għaliex il-kwistjoni hija dejjem kwistjoni ta' fatt li jrid jiġi ppruvat; – jiġifieri jrid jiġi ppruvat illi l-espert kien parzjali fl-operat tiegħu; eżami *'a posteriori'*;

6. Applikata din il-ġurisprudenza għall-każ preżenti, din il-Qorti ma tarax li hemm xi ħaġa f'dan il-każ li b'xi mod tiġġustifgika l-lament ta' l-imputati;

Il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, għamlet eżami metikoluż u dettaljat taċ-ċirkosanzi kollha ta' fatt li għandhom xi kwalità ta' rilevanza rigward l-indipendenza o meno tal-Perit Tekniku, dottor Abela Medici, innominat mill-Qorti, u ma sabet assolutament xejn li jista' raġonevolment jinfiċja dik in-nomina fuq il-bażi li, dak l-espert huwa, jew kien, parzjali, jew li, ma kienx indipendenti, anki formalment, bejn il-partijiet;

L-appellanti stess dan jirrikonoxxuh meta fl-appell tagħhom jgħidu:

"Illi għandu jiġi rrilevat ukoll illi f'din l-istanza bl-ebda mod ma qed tiġi attakkata l-integrità jew l-abilità ta' Dr. A. Abela Medici li fil-posizzjoni diffiċli tiegħu tagħmel l-aħjar li jista'...";

u din id-dikjarazzjoni hija biżżejjed biex tinfiċja l-operat kollu ta' l-appellanti – sa mill-bidu nett;

Infatti, l-appellanti mxew fuq bażi għal kollox żbaljata u fuqha baqgħu mixjin biha sa dan il-grad, u ċjoè illi huma qegħdin jagħmlu eżerċizzju akkademiku *in abstracto* u mhux wieħed *in concreto* – mentri l-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali li minnu qed jillamentaw suppost li diġà ġara, fir-realtà, u fil-kors tal-proċeduri kriminali li għalihom huma assoġġettati. Ma jistgħux jillamentaw fuq vjolazzjoni li hija, skond ma jallegaw, għal kollox ipotetika;

Dan huwa illustrat f'dawn il-kwotazzjonijiet mir-rikors ta' l-appell ta' l-imputati:

(a) "L-ewwel Qorti qalet illi mix-xiehda li ta Dr. A. Abela Medici ma jirriżultax li dan qatt ġie mogħti xi ordnijiet mill-Kummissarju (tal-Pulizija) dwar ix-xogħol tiegħu konness mal-Qorti. Però għandu jerġa' jingħad illi b'din it-tip ta' xiehda l-ewwel Onorabbli Qorti reġgħet ġiet żvijata, dan għaliex mhux dan il-punt in kontestazzjoni";

– mentri dak huwa l-punt kollu li jinteressa l-Qorti biex tara jekk **effettivament** ġewx imħarsa l-prinċipji ta' trattazzjoni ġusta – kemm formali kif ukoll sostanzjali;'

(b) "L-esponenti jistaqsu – huwa idejali li l-espert prinċipali fil-każ tagħhom ikun bniedem konness mill-qrib ħafna mal-Pulizija Esekuttiva u jiddependi minn apparat u uffiċini u laboratorji taħt il-kontroll tal-Kummissarju tal-Pulizija, il-persuna li qed tmexxi l-proċess kriminali kontra tagħhom?";

Hawnhekk, kuntrarjament għall-kritika li għamlu preċedentement, ta' l-operat tal-Qorti għall-eżami estensiv tal-fatti kif joħorġu mill-provi tal-każ, – l-akkużati qed jiġġustifikaw l-istess operat għaliex ma jagħmlux ħaġ'oħra ħlief jesponu li l-espert innominat, għalkemm m'huwiex impjegat u dipendenti tal-Kummissarju tal-Pulizija, jiddependi minnu **operattivament** u għalhekk – presumibbilment huwa parzjali u mhux indipendenti mill-partijiet. Imma din il-pretiża dipendenza għall-mezzi operattivi, **waħedha** – u sakemm ma ġġibx intralċji jew orjentamenti inammissibbli għal u f'dak l-operat u l-operazzjonijiet ta' l-espert, li allura jridu jiġu ppruvati – ma tinċidix fuq il-valuri li jridu jiġu u huma garantiti;

7. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell huwa miċħud u s-sentenza appellata tas-6 ta' Awissu, 1992, tal-Qorti Ċivili Prim'Awla hija kkonfermata.